DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-27 ta' April 2006

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2004

(2006/823/EK)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2004 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2004 flimkien mat-tweġibiet tal-Fondazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2006 (5972/2006 — C6-0093/2006),

— wara li kkunsidra t-Trattat tal-KE, b'mod partikulari l-Artikolu 276, tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol ([4]) u b'mod partikulari l-Artikolu 16 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0093/2006),

1. Jinnota l-figuri li ġejjin għall-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol għas-snin finanzjarji 2004 u 2003:

Kont tad-dħul u nfiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2003

(f'EUR 1 000)

	2004	2003
Dħul		
Sussidji tal-Kummissjoni	18 000	17 090
Dħul mixxellanju	85	47
Dħul Finanzjarju	0	35
Dħul Totali (a)	**18 085**	**17 172**

([1]) ĠU C 269, 28.10.2005, p. 40.
([2]) ĠU C 332, 28.12.2005, p. 82.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([4]) ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1 Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1111/2005 (ĠU L 184, 15.7.2005, p. 1).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1261/2005 (ĠU L 201, 2.8.2005, p. 3).

(ĠEUR 1 000)

	2004	2003
Infiq		
Persunal – Titlu tal-Baġit		
Ħlas	8 606	8 927
Approprjazzjonijiet trasferiti għall-baġit li jmiss	132	109
Amministrazzjoni – Titlu II tal-Baġit		
Ħlas	1 267	968
Approprjazzjonijiet trasferiti għall-baġit li jmiss	489	224
Attivitajiet ta' l-Operat – Titlu III tal-Baġit		
Ħlas	5 056	3 733
Approprjazzjonijiet trasferiti għall-Baġit li jmiss	2 522	2 817
Nefqa totali (b)	**18 072**	**16 778**
Riżultat għas-sena finanzjarja (a – b)	**13**	**394**
Bilanċ mis-sena finanzjarja preċedenti	- 1 296	- 1 836
Approprjazzjonijiet trasferiti għall-Baġit li jmiss u kkanċellati	35	118
Somom mis-sena finanzjarja preċedenti li ma ntużawx biex jiġu użati mill-ġdid	17	19
Riżultat eċċezzjonali mis-snin ta' qabel	2	0
Approprjazzjonijiet mill-Phare trasferiti għall-Baġit li jmiss u kkanċellati	8	0
Dħul mill-Phare miġbur	0	639
Dħul mill-Phare li għad irid jinġabar	0	361
Nefqa tal-Phare	0	- 1 000
Differenzi tar-rati ta' Kambju	- 4	9
Bilanċ għas-sena finanzjarja	**- 1 225**	**- 1 296**

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2004;

3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur eżekuttiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri u sabiex tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Josep BORRELL FONTELLES

Is-Segretarju Ġenerali
Julian PRIESTLEY